# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Jannar, 2025.**

**Numru 14**

**Rikors numru 1262/18/1 RGM**

**Charlette Ciantar**

**v.**

**Dr. Katiucha Gatt Galea eżerċenti n-negozju taħt l-isem *Vets on Wheels***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-attriċi Charlette Ciantar minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Ottubru, 2023, li biha ħelset lill-konvenuta Dr. Katiucha Gatt Galea milli tibqa' aktar fil-kawża, wara li kkonkludiet li l-attriċi ma seħħilhiex turi li tgawdi mill-interess ġuridiku, sabiex tfittex lill-konvenuta għad-danni wara l-mewt ta'

żiemel bl-isem ta' *Super Otto*.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-18 ta' Diċembru, 2018, l-attriċi Charlette Ciantar fissret li fis-sena 2016, il-konvenuta Dr. Katiucha Gatt Galea tqabbdet sabiex *«tieħu ħsieb»* liż-żiemel tat-tiġrijiet bl-isem ta' *Super Otto*, li kien inxtara minnha għall-prezz ta' €32,971.

3. Ilmentat li wara li l-konvenuta wettqet intervent mediku fuq dak iż-żiemel, dan beda fiżikament sejjer lura tant li kellu jintbagħat għat-testijiet u l-kura fi klinika ġewwa Franza. Stqarret li hemmhekk irriżulta li ż-żiemel kien qiegħed ibati minn infezzjoni li għaliha ma kienx hemm fejqan u minħabba f'hekk kellu jitraqqad.

4. Kemm għaliex l-attriċi qiegħda tqis li l-infezzjoni mġarrba miż-żiemel *Super Otto* żviluppat minħabba t-traskuraġni u n-nuqqas ta' ħila tal-konvenuta fit-twettiq tal-professjoni tagħha, kif ukoll għaliex qiegħda tgħid li l-mewt taż-żiemel ġabet fuqha d-danni, fosthom it-telf ta' qligħ u spejjeż oħra, l-attriċi Charlette Ciantar ressqet din il-kawża li biha talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimata hija unikament responsabbli għall-mewt taż-żiemel 'Super Otto', proprjetà tar-rikorrenti;*
>
> *2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi kaġun ta' imperizja u/jew negliġenza u/jew nuqqas ta' teħid tal-miżuri neċessarji ta' u da parti tal-intimata fl-eżerċizzju*

*tal-professjoni, ir-rikorrenti sofriet danni, fosthom iżda mhux limitament, telf ta' qligħ;*

*3. Tillikwida, jekk tħoss il-ħtieġa permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjeż kollha sofferti mir-rikorrenti konsistenti, fost oħrajn, fi spejjeż u telf ta' qligħ futur;*

*4. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti dawk id-danni u spejjeż hekk likwidati skont it-talba preċedenti:*

*Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-intimata, li tinsab minn issa inġunta għas-subizzjoni.»*

5. Bi tweġiba maħlufa mressqa fil-15 ta' Marzu, 2019, il-konvenuta Dr. Katiucha Gatt Galea wieġbet għal din il-kawża billi ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament, ir-rikorrenti Charlette Ciantar għandha tipprova l-interess ġuridiku tagħha u tagħti prova tat-titlu taż-żiemel inkwistjoni u ġġib prova li hi kienet l-proprejtarja taż-żiemel Super Otto.*

*2. Mingħajr preġudizzju, ġie ffirmat Consent Form fejn, fir-rigward ta' proċeduri mediċi li saru mill-esponenti fuq iż-żiemel, ġiet eskluża kwalunkwe forma ta' responsabbiltà tal-esponenti għal telf, ħsara, dannu jew korriment minħabba l-fatt li fir-rigward ta' trattament li kien ser jingħata liż-żiemel kien fih ċertu riskji;*

*3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tirrispondi ukoll li hi ma kinitx l-unika persuna li tat kura u assistenza f'Malta liż-żiemel Super Otto fiż-żmien rilevanti għal din il-kawża;*

*4. Mingħajr preġudizzju ukoll, l-esponenti tiċħad li hi aġixxiet b'xi mod b'imperizja u/jew negliġenza u/jew li naqset milli tieħu miżuri neċessarji waqt li kienet qed tagħti kura liż-żiemel u/jew ikkaġunat xi danni. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. L-eċċipjenti dejjem qdiet l-obbligi professjonali tagħha skont il-liġi, bl-għaqal, attenzjoni, prudenza u reqqa u bl-ebda mod ma naqset mill-obbligli tagħha fir-rigward taż-żiemel Super Otto;*

*5. Mingħajr preġudizzju, l-attriċi pproċediet b'dawn il-proċeduri u l-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment biss biex tagħmel pressjoni u ħsara professjonali u finanzjarja fuq l-eċċipjenti u għaldaqstant dawn il-proċeduri jikkostitwixxu abbuż ta' dritt.*

*6. Salv kull eċċezzjoni oħra skont il-liġi;*

*7. Bl-ispejjeż.»*

6. Fl-istess tweġiba, il-konvenuta għamlet ukoll dawn l-istqarrijiet:

*«Il-Fatti*

*1. Fir-rigward tal-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat, l-esponenti tirrispondi li hi ġiet rikjesta tagħti kura liż-żiemel Super Otto. L-esponenti ma tistax tikkummenta dwar il-prezz li bih inxtara ż-żiemel u din il-prova trid tinġieb flimkien mal-prova ta' min fil-fatt xtrah.*

*2. Fir-rigward tat-tieni paragrafu, l-esponenti tgħid li l-fatti kif esposti mhumiex korretti. L-esponenti infurmata li meta wasal Malta ma kienx qed jiġri u jtellaq kif suppost u fiżikament diġà kien qed ibati. Fil-fatt, kien proprju għalhekk li l-esponenti ntalbet tagħti kura liż-żiemel. L-interventi mediċi li saru mill-esponenti dejjem saru skont is-sengħa u l-arti u qatt ma aġixxiet b'xi mod mhux professjonali, jew b'imperizja jew negliġenza. Kull proċedura li hi wettqet fuq iż-żiemel, dejjem ġiet implimentata f'ambjent stabbli kemm jista' jkun u li kien l-iktar sterili possibbli. Il-persuni li kienu preżenti u talbu s-servizz tal-esponenti kienu konsapevoli tal-fatt li fir-rigward ta' din il-proċedura dejjem hemm element ta' riskju u hemm possibbiltà li jkun hemm xi infezzjoni. Il-għaliex fil-proċedura kien jinvolvi ċertu element ta' riskju, l-esponenti talbet li jiġi ffirmat consent form. Dan il-consent form ġie ffirmat fil-5 ta' Marzu 2016 (ara Dok A anness mar-risposta ġuramentata) u kien jipprovdi kif ġej:*

> *«I accept there may be certain risks to the life of the horse which could occur as a result of the proposed treatment. The risks have been fully explained to me. I appreciate that whilst reasonable care and attention will be given to the horse, no member of the practice shall be liable for loss, damage or injury resulting from treatment or otherwise.»*

*Jingħad li wara li tat il-kura l-esponenti, iż-żiemel ġie 'l quddiem. Jingħad ukoll li l-esponenti ma kinitx l-uniku persuna li tat kura liż-żiemel fiż-żmien inkwistjoni.*

*3. Fir-rigward tal-ħames u s-sitt paragrafi, l-esponenti tirrispondi li hi mhix responsabbli għal ebda danni u qed tannetti kopja tar-risposta għall-ittra uffiċjali li rċeviet liema risposta hija datata 30 ta' April 2018.»*

7. B'sentenza mogħtija fid-19 ta' Ottubru, 2023, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża billi: (i) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Dr. Katiucha Gatt Galea, u konsegwentement sabet li l-attriċi ma kinitx tgawdi mill-interess ġuridiku sabiex tressaq din il-kawża, għaliex ma seħħilhiex

tipprova li hija kienet is-sid taż-żiemel *Super Otto*; (ii) ħelset lill-konvenuta Dr. Kaitucha Gatt Galea milli tibqa' aktar fil-kawża; u (iii) ikkundannat lill-attriċi sabiex tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

8. Il-konsiderazzjonijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn li ġejjin:

> *« **L-Azzjoni***
>
> *16. Din hija kawża għar-riżarċiment ta' spejjeż u danni allegatament sofferti mill-attriċi kkawżati mill-mewt taż-żiemel Super Otto. L-attriċi tippremetti li kienet in-negliġenza, l-imperizja jew in-nuqqas ta' teħid ta' miżuri neċessarji da parti tal-konvenuta fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha li wassal sabiex jitraqqad iż-żiemel. Il-konvenuta min-naħa tagħha eċċepiet in linea preliminari li l-attriċi kellha ġġib prova li hija [għandha] interess legali u tagħti prova tat-titlu taż-żiemel u prova li hi l-proprjetarja taż-żiemel Super Otto. Il-konvenuta ċaħdet li hi aġixxiet b'imperizja, negliġenza jew naqset milli tieħu miżuri neċessarji waqt li kienet qed tagħti l-kura liż-żiemel u li kkaġunat xi danni. Tinsisti li hija ma kinitx l-unika persuna li tat kura u assistenza f'Malta liż-żiemel Super Otto.*
>
> *Ikkunsidrat*
>
> ***Nuqqas ta' interess ġuridiku u prova tat-titlu***
>
> *17. Il-fatti pertinenti għal din l-eċċezzjoni huma s-segwenti. Super Otto kien żiemel tat-tiġrija li twieled l-Iżvezja fid-19 ta' Ġunju, 2009. Mill-atti jidher li l-imsemmi żiemel inxtara fil-25 ta' Novembru, 2015 u l-ħlas għalih sar minn Carmel Farrugia (missier il-partner tal-attriċi Charlotte Ciantar) u dan kif anke kkonfermat minnu stess. Il-prezz imħallas kien ta' 300,000 krona Svediż (ekwivalenti għal €32,971). Skont il-Maltese National Livestock Database, Super Otto ġie reġistrat f'Malta fit-12 ta' Diċembru, 2015, u ġie reġistrat fuq Matthew Farrugia, iben Carmel Farrugia. Mix-xhieda ta' Ivan Bugeja, uffiċjal mid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja stqarr li sal-11 ta' Ottubru 2022, ċjoè d-data ta' meta xehed hu, Matthew Farrugia kien għadu reġistrat bħala sid iż-żiemel Super Otto. Svensk Travsport (l-awtorità tal-isport tat-trott) ħareġ ċertifikat ta' esportazzjoni li fih hemm indikat li s-sid huwa Matthew Farrugia u li ż-żiemel inħareġ mill-Isvezja fid-29 ta' Novembru, 2015. Sussegwentement fis-7 ta' Jannar, 2016, l-imsemmi żiemel ġie reġistrat fis-sistema tal-Malta Racing Club fuq Matilda Farrugia (mart Carmel Farrugia u omm Matthew Farrugia). Fis-6 ta' April, 2016 jidher li saret applikazzjoni sabiex Super Otto jiġi trasferit fuq isem Charlette Ciantar. Din l-applikazzjoni li ġġib it-titlu Horse Transfer of Ownership Form ġiet iffirmata biss minn Matilda*

*Farrugia. Fl-istess ġurnata mtliet il-formola Horse Owner Registration Form li ġiet iffirmata biss minn Mark Consiglio iżda m'hemm ebda firma ta' Charlette Ciantar u dan għaliex irriżulta mix-xhieda ta' Mark Consiglio li din saret permezz ta' telefonata. Kien għalhekk li fl-istess ġurnata u ċjoè fis-6 ta' April, 2016 li Charlette Ciantar ġiet rikonoxxuta mal-Malta Racing Club bħala s-sid ta' Super Otto.*

*18. Mill-atti jirriżulta illi l-partijiet iltaqgħu għall-ewwel darba fit-23 ta' Marzu, 2016 (skont il-konvenuta) jew l-24 ta' Marzu, 2016 (skont l-attriċi). Skont l-attriċi l-infezzjoni li wasslet sabiex kellu jitraqqad Super Otto irriżultat fis-26 ta' Marzu u qabel din id-data iż-żiemel kien b'saħħtu. Min-naħa tagħha l-konvenuta tispjega li l-infezzjoni kienet diġà preżenti l-ewwel darba li ltaqgħet ma' Charlette Ciantar u kienet diġà bdiet it-trattament meħtieġ.*

*19. Hemm żewġ verżjonijiet dwar min inkariga lill-konvenuta sabiex teżamina [lil] Super Otto. Filwaqt li l-konvenuta tgħid li kien Ġiljan Farrugia li kellimha l-ewwel darba dwar dan iż-żiemel peress li kien iħarrġu u kien Matthew Farrugia li ċemplilha għal appuntament, l-attriċi tgħid li kienet hi li inkarigat lil Dr. Galea sabiex teżamina ż-żiemel.*

*20. Lanqas m'hemm qbil dwar min kien qiegħed jieħu d-deċiżjonijiet dwar it-trattament li kellu jingħata ż-żiemel, għaliex filwaqt li l-konvenuta tgħid li kien Matthew Farrugia li kien qiegħed jagħtiha l-kunsens u hu kien ikun preżenti waqt it-trattamenti, tant li fil-5 ta' Marzu, 2016, kien iffirma consent form u kien indika lilu nnifsu bħala sid iż-żiemel, l-attriċi tgħid li kienet hi li qiegħda tieħu d-deċiżjonijiet kollha. Li hu fiż-żgur, u dan anke għaliex jidher mid-dokumentazzjoni ppreżentata, kienet l-attriċi li qiegħda tieħu ħsieb li Super Otto jiġi trasferit fi klinika barra minn Malta sabiex tiġi mistħarrġa l-kundizzjoni taż-żiemel, possibbilment b'MRI u testijiet oħra meħtieġa. Din il-Qorti tinnota wkoll li r-Referral Letter li saret mill-konvenuta fil-5 ta' April 2016 lil Cirale indikat lil Matthew Farrugia u Charlotte Ciantar bħala sidien taż-żiemel. Sussegwentement għal din ir-referta, il-kommunikazzjoni kienet qiegħda ssir mal-attriċi kemm min-naħa tal-konvenuta (u dan qiegħed jingħad għaliex ma nġabitx prova li turi li kien hemm kommunikazzjoni ma' Matthew Farrugia jew oħrajn wara din id-data), kif ukoll mill-isptarijiet ġewwa Franza. Jidher li kienet Charlotte Ciantar li tat il-kunsens tagħha sabiex jitraqqad iż-żiemel.*

***L-Eċċezzjoni li l-Attriċi m'għandhiex Interess Ġuridiku.***

*21. L-ewwel u qabel kollox jeħtieġ li l-Qorti tikkunsidra l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta fejn tilqa' għat-talbiet attriċi tgħid illi «l-attriċi għandha tipprova l-interess ġuridiku tagħha u tagħti prova tat-titlu taż-żiemel inkwistjoni u ġġib prova li hi kienet l-proprjetarja taż-żiemel Super Otto.»*

*...*

*27. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha l-konvenuta qed tilqa' għat-talbiet attriċi billi tinsisti illi mingħajr il-prova li fiż-żmien rilevanti l-attriċi*

*kienet sid iż-żiemel tonqos fiha l-leġittimazzjoni attiva sabiex tippromovi l-kawża odjerna. L-attriċi intavolat il-kawża odjerna fuq il-pretensjoni li hija s-sid taż-żiemel mertu tal-kawża. Fil-fatt fl-atti promotur, senjatament fil-paragrafu intitolat «Raġuni tat-talba» insibu kif ġej:*

> *...*
>
> *«Minħabba l-imperizja u/jew negliġenza u/jew in-nuqqas ta' teħid tal-miżuri neċessarji ta' u da parti tal-intimata fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha inter alia fil-mod u manjiera tal-kura adoperata, kellu jiġi mraqqad iż-żiemel,* ***proprjetà tar-rikorrenti****, bl-isem Super Otto; konsegwenza ta' dan ir-rikorrenti sofriet danni, inkluż iżda mhux limitament għal telf ta' qligħ futur, kif ukoll spejjeż oħra. Fl-ewwel premessa tgħid li l-konvenuta ġiet inkarigata mill-attriċi sabiex tieħu ħsieb iż-żiemel proprjetà. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplikahom għal fatti ta' din il-kawża. L-ewwel li għandu jiġi mistħarreġ sabiex jiġi determinat jekk l-interess huwiex wieħed dirett u personali huwa li tiddetermina min kien sid iż-żiemel.» (enfasi tal-Qorti).* [sic]

*29. Huwa ta' importanza massima għall-kweżit jekk l-attriċi għandhiex l-interess ġuridiku li tipproponi l-kawża odjerna jekk jiġi misħarreġ qabel xejn jekk irnexxilhiex tipprova jekk hi kinitx sid iż-żiemel fiż-żmien li tallega atti ta' negliġenza professjonali da parti tal-konvenuta.* [sic] *Mid-dokumentazzjoni li saret riferenza għaliha aktar 'il fuq jirriżulta:*

> *(a) Li l-ħlas għax-xiri taż-żiemel sar minn Carmel Farrugia u mhux mill-attriċi;*
> *(b) Id-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja tirrikonoxxi lil Matthew Farrugia, u mhux lill-attriċi, bħala s-sid u dan għaliex Matthew Farrugia huwa mniżżel bħala sid taż-żiemel Super Otto fil-Maltese National Livestock Database sa mill-ewwel darba li ż-żiemel ġie reġistrat hawn Malta, u jidher li hekk baqa' reġistrat tul il-ħajja kollha taż-żiemel;*
> *(c) Li l-awtorità Żvediża li ħarġet iċ-ċertifikat tal-esportazzjoni taż-żiemel Super Otto indikat lil Matthew Farrugia, u mhux lill-attriċi, bħala s-sid.*

*30. L-attriċi Charlotte Ciantar f'din id-dokumentazzjoni ma tiffigura mkien.*

*31. Carmel Ciantar xehed hekk dwar il-ħlas: «Mort il-bank, u trasfer[ejt] il-flus minn kont għal kont. [...] Dan l-istatement jgħajjat lili [...] Charlette eventwalment daħħlet xi ħaġa tal-flus u talbitni biex naqilbu fuq[ha] wara li għaddietli somma flus. Eventwalment ħallsitni kollox.» L-attriċi fl-affidavit tagħha qalet li: «iż-żiemel Super Otto oriġinarjament ħallas għalih Carmelo Farrugia [...] f'ismi u fuq struzzjonijiet tiegħi. [...] Kont jien li ridt nixtrih, kont jien li ħallast għalih u kont anke jien li dejjem ħadt ħsiebu.»*

*32. L-allegazzjoni tal-attriċi li hija għaddiet is-somma ta' €32,000 lil Carmel Farrugia ma ġiet korroborata minn ebda evidenza dokumentarja bħal per eżempju cheque jew bank transfer. Il-Qorti hija konsapevoli ta' dak li xehed Matthew Farrugia dwar il-ħlas u ċjoè li jista' jagħti l-każ li peress li Ciantar kienet taħdem għal Carmel Farrugia seta' kien hemm tpartit max-*

*xogħol però din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq tali spekulazzjonijiet u anke għaliex ix-xhud imbagħad jgħid li dak qal kien x'jaħseb huwa u li ma jafx eżatt x'ġara.*

*33. Il-provi kollha juru illi l-ħlas għaż-żiemel sar minn Carmel Farrugia b'mod partikolari dan jirriżulta mill-kopja tal-«Application for Payment Order Outwards» tal-Bank of Valletta datata 25 ta' Novembru, 2015 minn fejn jidher ċar illi l-persuna li qed titrasferixxi fl-esteru s-somma ta' SEK 300,000 ekwivalenti għal €32,971 huwa Carmel Farrugia u mhux l-attriċi.*

*34. Fir-rigward imbagħad tal-Maltese National Livestock Database, il-Qorti tinnota li l-uffiċjal li telgħa jixhed ħalef li sa dakinhar tax-xhieda tiegħu (11 ta' Ottubru, 2022) Matthew Farrugia kien għadu jidher bħala sid iż-żiemel. Matthew Farrugia jgħid li huwa lanqas biss jaf b'dan iżda ħarġet mix-xhieda tal-uffiċċjal tad-Direttorat li huwa s-sid li jrid jagħmel tali reġistrazzjoni. Għaldaqstant kien Matthew Farrugia stess li rreġistra ruħu bħala s-sid taż-żiemel Super Otto mal-Maltese National Livestock Database.*

*35. Ta' min jinnota li huwa obbligu ta' min iżomm jew irabbi żiemel li javża lid-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja meta jkun hemm bdil fis-sid u dan sabiex il-passaport u d-database tal-ekwini jiġu aġġornati bid-dettalji tas-sid il-ġdid. Dan joħroġ mil-**Leġiżlazzjoni Sussidjarja 437.30, Regolamenti Dwar Dokument ta' Identifikazzjoni (Passaport) li Jakkumpanja l'Equidae Reġistrati**.*

*36. **Regolament 2** jaqra hekk:*

> *«Dokumenti ta' identifikazzjoni li jakkumpanjaw equidae reġistrati għandhom jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Iskeda»*

***Sezzjoni I tal-iskeda** titlob informazzjoni dwar is-sid:*

> *«Sezzjoni I*
>
> *Sid*
>
> *Għandu jitniżżel l-isem tas-sid jew l-aġent tiegħu.»*

*Aktar 'l isfel fir-Regolamenti wieħed isib spjega ta' Sezzjoni rigwardanti d-dettalji tas-sidien:*

> *«2. Meta jinbidel is-sid il-passaport irid ikun immedjatament depożitat flimkien mal-organizzazzjoni, l-assoċjazzjoni jew s-service aġenzija uffiċjali, waqt li jingħata l-isem u l-indirizz tas-sid il-ġdid, biex ikun reġistrat u mgħoddi lis-sid il-ġdid.*
>
> *3. Jekk ikun hemm iktar minn sid wieħed jew iż-żiemel ikun ta' kumpanija, allura irid jiddaħħal fuq il-passaport l-isem ta' min ikun responsabbli għaż-żiemel, flimkien man-nazzjonalità tiegħu. Jekk is-sidien ikunu ta' nazzjonalità differenti, huma għandhom jiddeterminaw in-nazzjonalità taż-żiemel.»*

*37. Rilevanti r-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 tas-17 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (Regolament dwar il-Passaport Ekwin)** liema regolament għandu effett dirett u allura applikabbli fil-ġurisdizzjoni Maltija.*

*Fi **premessa 20** ta' dawn ir-Regolamenti jingħad illi:*

> *«Skont il-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri jew ir-rekwiżit ta' ċerti korpi emittenti, jeħtieġ li jitniżżel it-tagħrif dwar is-sid tal-annimal fid-dokument tal-identifikazzjoni u jitniżżel bħala konsegwenza fil-bażi ta' dejta miżmuma mill-korp emittenti. Barra minn hekk, dan it-tagħrif dwar is-sjieda [sidien] u l-bidla tagħha, tista' tiġi pprovduta f'għamliet differenti ta' ċertifikati ta' sjieda [sidien] jew kards ta' reġistrazzjoni, inkluża l-'carte d'immatriculation' imħaddma tajjeb f'xi Stat Membru.»*

*Imbagħad **Artikolu 10** tal-imsemmi Regolament jipprovdi hekk:*

> *«l-informazzjoni dwar is-sid tista' tingħata fil-format ta' ċertifikat ta' proprjetà personali jew ta' karta ta' reġistrazzjoni rreġistrati fil-bażi ta' dejta [database] stabbilita b'mod konformi mal-Artikolu 38.»*

*38. Ir-Regolament jgħaddi sabiex jelenka kif għandu jidher u x'għandu jinkludi d-Dokument ta' Identifikazzjoni għall-Equidae. Fost l-informazzjoni mitluba hemm informazzjoni dwar is-sid li tinsab taħt Taqsima IV: «L-isem tas-sid jew l-aġent jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jingħata kull meta rikjest mill-korp emittenti.» Din it-taqsima hija spjegata wkoll u ġie spjegat fost oħrajn li:*

> *«2. Meta jinbidel is-sid, id-dokument ta' identifikazzjoni għandu minnufih jingħata lill-korp emittenti, l-organizzazzjoni, l-assoċjazzjoni jew is-servizz uffiċjali, filwaqt li jingħata l-isem u l-indirizz tas-sid il-ġdid, għal reġistrazzjoni ġdida u sottomissjoni lis-sid il-ġdid.*
>
> *3. Jekk ikun hemm iktar minn sid wieħed jew iż-żiemel ikun ta' kumpanija, allura l-isem tal-individwu responsabbli għaż-żiemel għandu jiddaħħal fid-dokument ta' identifikazzjoni flimkien man-nazzjonalità tiegħu. Jekk is-sidien ikunu ta' nazzjonalità differenti, għandhom jiddeterminaw in-nazzjonalità taż-żiemel.»*

*39. Din il-Qorti tqis li d-Dokument ta' Identifikazzjoni u ċjoè l-passaport taż-żiemel huwa dokument uffiċjali. Kopja ta' dan il-passaport (għalkemm skont ir-regolament dan il-passaport kellu jiġu ritornat lill-awtoritajiet konċernati wara l-mewt taż-żiemel) ġiet ippreżentata mill-attriċi mal-affidavit tagħha. Sfortunatament iżda din il-kopja li tinsab f'paġna 46 sa 51 xejn m'hi ċara u għalhekk din il-Qorti ma tistax tiddetermina jekk attwalment dan il-passaport huwiex vera ta' Super Otto kif qiegħda tallega l-attriċi u wisq aktar ma tista' tiddetermina minn dan il-passaport min hu sid iż-żiemel. Dan kien oneru fuq l-attriċi li tressaq prova ċara u inekwivoka li hija kienet sid iż-żiemel de quo fiż-żmien rilevanti. Huwa inspjegabbli kif*

*dik li suppost kellha tkun l-aqwa prova tal-interess ġuridiku tal-attriċi, aktar u aktar rinfaċjata bl-eċċezzjoni preliminari in diżamina, huwa fotokopja ta' kwalità inferjuri immens li allura l-Qorti mhijiex f'pożizzjoni li tiddeċifra dak fih miktub. Fi kwalunkwe każ fl-ebda mument ma l-attriċi tgħid li isimha qiegħed fuq il-passaport taż-żiemel.*

*40. Il-Qorti għalhekk trid toqgħod fuq id-dokument uffiċjali li jinstab għand id-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja senjatament il-Maltese National Livestock Database. Fuq dan id-database l-attriċi qatt ma kienet reġistrata bħala sid iż-żiemel Super Otto. Kif rajna aktar qabel kull bidla fis-sid ta' żiemel għandha tkun reġistrata mad-Direttorat imsemmi fejn jiġi aġġornat sew il-passaport taż-żiemel kif ukoll d-database tal-ekwini. Ġaladarba qatt ma kien hemm bidla fuq l-imsemmija database (li tali bidla ġġib bidla wkoll fil-passaport), il-Qorti qed tikkonkludi illi l-attriċi ma seħħilhiex turi li fiż-żmien rilevanti hija kienet sid iż-żiemel Super Otto.*

*41. Ingħad fil-linji gwida fuq il-passaport għal equidae maħruga fl-4 ta' April 2019 mid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja li:*

> *«The description of the animal and its marks and the details of the transponder shall be inserted in the application form linked to the National Livestock Database. The Microchipping Unit within the Veterinary Regulation Directorate shall process the related information, produces and issues the Passport.»*

*42. Mill-provi prodotti jirriżulta illi s-sid taż-żiemel kif reġistrat mal-awtoritajiet kompetenti huwa Matthew Farrugia u mhux l-attriċi Charlette Ciantar.*

*43. L-attriċi min-naħa tagħha tistrieħ fuq ir-reġistrazzjoni li saret mal-Malta Racing Club. L-ewwel reġistrazzjoni mal-imsemmi club saret fil-5 ta' Frar, 2016 u s-sid indikata kienet Matilda Farrugia. Fis-6 ta' April, 2016 ġiet indikata l-attriċi bħala s-sid. Din il-Qorti tibda billi tosserva li din il-bidla saret l-għada li saret ir-referral letter mill-konvenuta lil Cirale ġewwa Franza u fl-istess ġurnata li l-attriċi mliet id-dokumentazzjoni għal informazzjoni dwar iż-żiemel.*

*44. Sabiex turi l-importanza tar-reġistrazzjoni mal-Malta Racing Club, l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet għamlet riferenza għal Malta Racing Club Trot Racing Regulations 2021. Il-Qorti tagħmel żewġ osservazzjonijiet fir-rigward: l-ewwel waħda hija li dawn ir-regolamenti qatt ma ġew ippreżentati fil-mori tal-kawża, u fit-tieni lok dawn ir-regolamenti m'għandhom ebda forza ta' liġi. Dan magħdud il-Qorti għamlet l-istħarriġ tagħha onlajn u sabet Regolamenti u Dixxiplina: Tiġrijiet taż-Żwiemel 2013 (Verżjoni 2017) u l-artikoli 1.4 u 1.5, li saret riferenza għalihom mill-attriċi, jaqraw hekk:*

> *«**1.4 Is-Sid taż-Żiemel***
>
> *1.4.1 Kull sid huwa obbligat li jħallas il-menswalità mal-Malta Racing Club sabiex ikun jista' jirreġistra ż-żiemel jew żwiemel fit-tiġrijiet. Il-*

*menswalità tintitolah għad-dħul tat-tiġrijiet kollha miżmuma fil-Korsa matul dak l-istaġun.*

*1.4.2 Għal kull żiemel trid ukoll titħallas Liċenzja tat-taħriġ sabiex juża l-Korsa. Din titħallas darba fis-sena. Il-Liċenzja tat-taħriġ hija għall-użu tal-korsa u mhux marbuta mad-dritt li żiemel jinkiteb għat-tiġrija. Żwiemel li ma jħallsux il-liċenzji tat-taħriġ ma jistgħux jidħlu fil-korsa u għalhekk japplikaw sospensjonijiet għal dawk li ma jħallsux din il-Liċenzja.*

*1.4.3 Is-sid/ sidien ta' kull żiemel huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-Malta Racing Club li jieħu dawn id-deċiżjonijiet fid-diskrezzjoni tiegħu. Wieħed mis-sidien taż-żiemel (jew is-sid uniku f'każ ta' żiemel b'sid wieħed) għandu jiġi nominat bħala «dirigent owner» u s-sid nominat bħala «dirigent owner» irid jaċċetta din in-nomina bil-miktub taħt il-firma tiegħu stess u jiġi approvat ukoll mill-Malta Racing Club. Id-«dirigent owner» huwa:*

*1.4.3.1 l-uniku persuna li għandu d-dritt jidher quddiem il-Klabb sabiex jiddiskuti u jiġi infurmat b'materji li jikkonċernaw iż-żiemel partikolari.*

*1.4.3.2 il-persuna li f'ismu joħorġu ċekkijiet ta' kwalunkwe rebħ li jista' jkollu ż-żiemel partikolari.*

*1.4.3.3 ir-rappreżentant tas-sidien l-oħra taż-żiemel partikolari f'okkażjonijiet oħra li jistgħu jiġu deċiżi mill-Malta Racing Club minn żmien għal żmien.*

***1.5 Reġistrazzjoni taż-Żwiemel mal-Malta Racing Club***

*1.5.1 Żiemel ġdid li ser isuq il-Ħadd filgħodu wara l-karozza u jkun irid jagħżel in-numru jkollu jiġi l-Club sabiex jitlob numru u jiġi nfurmat l-«istarter».*

*1.5.2 Biex sid ikun jista' juża l-premises tal-Malta Racing Club għat-taħriġ taż-żiemel tiegħu, l-istess żiemel irid ikun reġistrat fil-kotba tal-MRC. Dan japplika ukoll għat-tluqijiet mal-karozza tal-Ħdud filgħodu. [emendata jew miżjuda fis-sena 2016]*

*1.5.3 Meta sid jirreġistra żiemel irid jiffirma dokument fejn fost affarijiet oħra jiddikjara ruħu responsabbli għaż-żiemel tiegħu u kull deċiżjoni li tittieħed fuq l-istess. F'każ ta' sidien differenti ta' żiemel wieħed, huma kollha jeħtieġu jiffirmaw dikjarazzjoni dwar min minnhom huwa nnominat bħala «dirigent owner» kif imsemmi f'1.4.3, liema «dirigent owner» ikun fost oħrajn il-persuna li jiddeċiedi dwar iż-żiemel f'każ ta' reġistrazzjoni jew scratching minn tiġrija. Id-«dirigent owner» tkun ekwivalenti għal Trainer responsabbli miż-żiemel.»*

*45. Kif jipprovdu l-istess provvedimenti hawn kwotati, dawn ir-regolamenti huma applikabbli fejn jidħ[lu] tiġrijiet biż-żiemel. Tant li l-istess dokument jipprovdi li dawn il-provvedimenti huma maħsuba sabiex «jikber dejjem aktar l-isport tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel» u sabiex jagħmlu «dan l-isport aktar pjaċevoli u mingħajr periklu għas-saħħa tal-ġerrejja u taż-żwiemel». L-istess dokument ma jipprovdi ebda proċedura dwar kif wieħed għandu*

*jidentifika ruħu bħala s-sid. Tant li tali reġistrazzjonijiet isiru mingħajr ebda verifika fuq dokumenti uffiċjali, bħal m'huwa l-passaport, anzi Mark Consiglio stess xehed li t-tibdiliet ġieli saru permezz ta' telefonata u tibdil għal fuq Charlotte Ciantar kienet waħda minnhom.*

*46. Il-Qorti tqis li l-Malta Racing Club huwa klabb sportiv li jippromovi u jirregola t-tiġrijiet taż-żwiemel. La hija awtorità pubblika u lanqas hija aġenzija pubblika.*

*47. L-attriċi Charlotte Ciantar hija reġistrata bħala sid ta' Super Otto ma' klabb sportiv biss u ma ebda awtorità, aġenzija jew direttorat pubbliku. In oltre tqis ukoll li bdil fl-isem tas-sid mal-Malta Racing Club isir mingħajr ebda konsultazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi u mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppreżentat il-passaport aġġornat taż-żiemel li juri li hemm bidla fis-sid.*

*48. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tikkonkludi illi kuntarjament għal dak minnha dikjarat fir-rikors promotur, l-attriċi ma seħħilhiex tipprova sodisfaċentement li hija sid iż-żiemel Super Otto. Id-dokumentazzjoni uffiċċjali, li għandha valur probitorju notevoli fir-rigward, turi li sid iż-żiemel huwa ħaddieħor u mhux l-attriċi. Huwa minnu li f'xi żmien hija bdiet tkun involuta u tieħu deċiżjonijiet dwar saħħet iż-żiemel iżda b'daqshekk dan ma jagħmilhiex sid iż-żiemel kif allegat fir-rikors promotur. L-allegazzjoni li ż-żiemel kien inxtara biex ikun tal-attriċi ma hijiex rilevanti għaliex jekk verament kienet dik l-intenzjoni id-dokumenti rilevanti kollha juru li s-sid huwa ħaddieħor u mhux l-attriċi.*

*49. Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-attriċi ma seħħilhiex turi li fiż-żmien rilevanti hija kienet sid iż-żiemel Super Otto. Konsegwentement jonqos fl-attriċi dak l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tistitwixxi kawża għad-danni konsegwenzjali għall-mewt taż-żiemel Super Otto.»*

9. L-attriċi Charlette Ciantar appellat minn din is-sentenza b'rikors tas-16 ta' Novembru, 2023, u hemmhekk hija talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata, u minflok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Dr.Katiucha Gatt Galea u tibgħat l-atti tal-kawża lura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddeċiedi l-kawża.

10. Bi tweġiba mressqa fil-11 ta' Marzu, 2024, il-konvenuta Dr. Katiucha Gatt Galea saħqet li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u

għalhekk talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tiċħad l-appell tal-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

11. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. B'dan l-appell, l-attriċi Charlette Ciantar qiegħda tattakka s-sentenza appellata fuq żewġ binarji.

13. Fl-ewwel lok, hija qiegħda tinsisti li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tikkonkludi li hija ma kinitx il-proprjetarja taż-żiemel *Super Otto.*

14. Fit-tieni lok, l-attriċi qiegħda mbagħad targumenta, li anke kieku stess l-Ewwel Qorti kienet tassew konvinta li hija ma kinitx is-sid ta' *Super Otto,* f'kull każ hija xorta waħda ressqet provi b'saħħithom biżżejjed li bihom uriet kif hija tabilħaqq setgħet tikseb utilità mill-kawża u b'hekk tgawdi mill-interess ġuridiku sabiex tfittex lill-konvenuta għad-danni li qiegħda tgħid li ġarrbet bil-mewt ta' dak iż-żiemel.

15. Sa fejn għandha x'taqsam mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar li hija ma rnexxilhiex tipprova li hija kienet is-sid ta' *Super Otto*, l-attriċi Charlette Ciantar titlaq billi tenfasizza li hija ironija qawwija, li dik il-persuna li skont l-Ewwel Qorti huwa sid formali taż-żiemel, jiġifieri Matthew Farrugia, stqarr li ż-żiemel *Super Otto* ma kienx proprjetà tiegħu iżda tagħha.

16. Tilmenta li hija wkoll ferm diżappuntata bil-fatt li l-Ewwel Qorti qieset biss bħala *«spekulazzjonijiet»,* l-istqarrijiet tagħha li hija kienet ħallset lil Carmel Farrugia s-somma ta' €32,971 għall-akkwist taż-żiemel inkwistjoni. Tosserva li kien Carmel Farrugia stess li kkonferma li hija kienet ħallsitu ta' kollox, u tirraġuna li mhuwiex loġiku li bniedem li jkun ħareġ dawk il-flus kollha, sejjer jgħid li huwa kien tħallas u li ż-żiemel huwa proprjetà tagħha, meta fil-fatt ma jkunx tħallas. Skont l-appellanti l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalhekk toqgħod tintilef dwar kif u x'fatta sar il-ħlas, ġaladarba Carmel Farrugia kkonferma li tħallas.

17. L-appellanti tissokta billi tfakkar li kienet l-Ewwel Qorti stess li għarrfet is-sehem attiv tagħha fit-trattament taż-żiemel barra minn xtutna. Tisħaq li f'kull formola u korrispondenza relatata, hija kienet rikonoxxuta bħala s-sid taż-żiemel, u dan anke saħansitra mill-konvenuta Dr. Katiucha Gatt Galea stess.

18. Iżżid li hija kienet ukoll meqjusa bħala sidt iż-żiemel inkwistjoni anke fejn kellhom x'jaqsmu d-deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu, bħal pereżempju meta ż-żiemel ġie biex jitraqqad. Dwar dan, tgħid li l-ebda klinika ma sejra twettaq l-ewtanasja fuq żiemel mingħajr il-kunsens ta' sidu, u tilmenta li l-Ewwel Qorti la tat każ ta' dan u wisq inqas tal-ispejjeż kollha li nefqet biex tikkura liż-żiemel qabel ma' traqqad.

19. Tistqarr li hija lanqas ma tista' tifhem kif l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddetermina jekk il-passaport li hemm fl-atti tal-kawża huwiex verament taż-żiemel *Super Otto,* u għalkemm tammetti li dik il-kopja verament mhijiex ċara, madankollu tgħid li l-kliem *Super Otto* jidhru ċari. Tagħti wkoll x'jinftiehem li għalkemm isimha ma kienx imniżżel fuq dak il-passaport, madankollu, il-fatt waħdu li dak il-passaport kien jinsab fil-pussess tagħha juri li hija tabilħaqq kellha interess fiż-żiemel.

20. Fit-tieni lok, u bla ħsara għal dan kollu, l-attriċi Charlette Ciantar tisħaq li anke kieku stess l-Ewwel Qorti kienet konvinta li hija ma kinitx il-proprjetarja ta' *Super Otto,* <u>f'kull każ hija xorta waħda rnexxielha tressaq provi b'saħħithom biżżejjed li bihom uriet kif hija setgħet tabilħaqq tikseb utilità mill-kawża u b'hekk tgawdi mill-interess ġuridiku sabiex tfittex lill-konvenuta għad-danni li qiegħda tgħid li ġarrbet bil-mewt ta' dak iż-żiemel</u>.

21. Dwar dan, l-appellanti filwaqt li tagħmel xi riferenzi lejn il-ġurisprudenza dwar l-elementi li jnisslu l-interess ġuridiku, tisħaq li l-interess tagħha jinsab f'bosta fatti fosthom dawk li: (i) kienet hi li ħallset il-prezz għax-xiri taż-żiemel; (ii) kienet hi li ħallset għall-kura taż-żiemel sa mewtu; u (iii) kif ukoll għaliex fl-aħħar mill-aħħar kienet hija stess li kienet sejra tiggwadanja mill-flus li seta' jirbaħ dak iż-żiemel fit-tiġrijiet taż-żwiemel.

22. Tisħaq li dawn il-fatti mhux biss ġew mistqarra minnha, iżda ġew imtennija mix-xhieda ta' Matthew u Carmel Farrugia, kif ukoll imsaħħa minn dokumenti u fatti oħrajn bħal pereżempju li dak iż-żiemel kien reġistrat f'isimha mal-*Malta Racing Club*.

23. F'dan il-qafas, l-attriċi tinsisti li hija tista' tikseb utilità mill-kawża u tikkonkludi li hija tabilħaqq tgawdi mill-interess ġuridiku sabiex tiġi kkumpensata għal dak kollu li ġarrbet minħabba dak li qiegħda tqis bħala *«negliġenza, nuqqas ta' ħila u imperizja tal-appellata.»*

24. Min-naħa tagħha, il-konvenuta appellata Dr. Katiucha Gatt Galea tiddefendi s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Tisħaq li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova li hija s-sid taż-żiemel *Super Otto* u targumenta li jekk xejn il-kawża kellha tinbeda minn Matthew Farrugia, li huwa reġistrat mal-

awtoritajiet bħala s-sid taż-żiemel u li kien hu li qabbadha u ffirma l-formola tal-kunsens biex tagħti t-trattament lill-istess żiemel.

25. Fost argumenti oħra, tenfasizza li r-reġistrazzjoni taż-żiemel mal-*Malta Racing Club* f'isem l-attriċi mhuwiex biżżejjed biex jagħtiha l-interess ġuridiku kif meħtieġ bil-liġi, u targumenta li l-attriċi lanqas ma tista' titlob xi telf ta' profitti għaliex wara li ż-żiemel dar fuqha, dak iż-żiemel ma reġax ħa sehem f'xi tiġrija. Tfisser ukoll li t-talba għat-telf ta' qligħ lanqas ma setgħet tiġi milqugħa għaliex l-attriċi appellanti saħansitra naqset milli tikkwantifika kemm seta' kien il-qligħ imsemmi minnha.

26. Iżżid li l-appellanti lanqas ma tista' tikkritika lill-Ewwel Qorti minħabba li għarblet il-mod dwar kif seħħ il-ħlas taż-żiemel, u tgħid li hija kellha kull ċans li tressaq aktar provi konkreti dwar il-mod ta' kif ħallset għaż-żiemel inkwistjoni.

27. Targumenta li l-appellanti lanqas ma tista' tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi li hija sidt iż-żiemel fuq dikjarazzjonijiet magħmula minnha li mhumiex sostnuta bil-provi, u f'dan il-qafas tisħaq li l-appellanti ma tistax tikseb xi utilità minn din il-kawża. Tikkonkludi għalhekk li l-attriċi ma tgawdix mill-interess ġuridiku sabiex tressaq din il-kawża kontriha.

28. Il-Qorti wara li qieset l-argumenti tal-partijiet fid-dawl tal-

konsiderazzjonijiet li ngħataw fis-sentenza appellata titlaq billi tosserva li huwa kollu minnu li l-liġi titlob li kull żiemel li twieled wara l-1 ta' Jannar 1998 għandu jkollu passaport maħruġ f'ismu (ara **Regolament 3 tar-Regolamenti Dwar Dokument ta' Identifikazzjoni (Passaport) li Jakkumpanja l-*Equidae* Reġistrati – L.S. 437.30**[1]) u fost l-informazzjoni li għandu jinkludi fih hemm id-dettalji ta' sid iż-żiemel li għandhom jiġu aġġornati minnufih mal-bidla tas-sid (ara **Regolament 2** u **t-tieni paragrafu tal-Ewwel Sezzjoni tal-Iskeda** tal-istess **L.S. 437.30**[2]). Il-Qorti jidhrilha iżda li dawn l-obbligi huma ta' sura amministrattiva, b'dan għalhekk li l-fatt waħdu li żiemel ma jkunx reġistrat f'isem dik il-persuna li tkun qiegħda żżommu bi proprjetà tagħha, ma jfissirx li dak iż-żiemel ma jkunx proprjetà ta' tali persuna (ara b'analoġija ***Geranzio Azzopardi v. Carmelo Bezzina et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 2013 li għandha x'taqsam ma' reġistrazzjoni ta' vetturi).

29. Għalkemm jidher li hemm konsegwenzi legali għal kull min iżomm żiemel bi proprjetà tiegħu u ma jirreġistrahx skont il-liġi jew inkella ma jinnotifikax lill-awtoritajiet kompetenti bil-fatt li huwa jkun sar is-sid il-ġdid tiegħu (ara **Taqsima IX tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji**), dawn il-

[1] Illum-il ġurnata dawn ir-Regolamenti ġew imħassra bir-**Regoli tal-2024 dwar il-Metodi għall-Identifikazzjoni ta' *Equidae***, li daħlu bl-**Avviż Legali 75 tal-2024**. Kemm fi żmien li fih seħħ il-każ, kif ukoll meta tressqet il-kawża, ir-Regolamenti applikabbli kienu r-**Regolamenti Dwar Dokument ta' Identifikazzjoni (Passaport) li Jakkumpanja l-*Equidae* Reġistrati – L.S. 437.30**. Fl-istess żmien kien ukoll japplika ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 tas-17 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-*equidae* (Regolament dwar il-Passaport Ekwin)**.

[2] Ir-Regolament ekwivalenti għal dan jinsab **fit-tieni paragrafu ta' Taqsima IV ta' Anness I** fir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/262**.

konsegwenzi ma jinkludux is-sanzjoni tan-nullità tat-trasferiment taż-żiemel. Kemm hu hekk, il-liġi ma tgħid imkien li jekk il-bidla fis-sid ta' żiemel ma tiġix reġistrata, dak it-trasferiment taż-żiemel ma jkunx jiswa f'għajnejn il-liġi.

30. Kif anke jixhed ismu stess, il-passaport taż-żiemel huwa għall-għanijiet u effetti kollha tal-liġi *«dokument ta' identifikazzjoni»* ta' żiemel, u l-Qorti jidhrilha li l-għan warajh mhuwiex li jservi daqslikieku kien xi ċertifikat tat-titlu jew fi kliem ieħor bħala prova assoluta dwar min huwa l-proprjetarju taż-żiemel.

31. Il-Qorti għalhekk tqis li għalkemm ma jistax jingħad li l-passaport ta' żiemel jew inkella r-reġistrazzjoni ta' dak iż-żiemel mal-awtoritajiet kompetenti ma tagħtix lok għall-preżunzjoni b'saħħitha dwar min huwa s-sid ta' dak l-istess żiemel, madankollu din il-preżunzjoni mhijiex xi waħda li ma tistax titwaqqa'.

32. Kemm il-fatt li l-passaport taż-żiemel inkwistjoni ma jidentifikax lill-attriċi bħala sid iż-żiemel, kif ukoll il-fatt li l-istess żiemel huwa reġistrat mal-awtoritajiet kompetenti f'isem Matthew Farrugia, u mhux f'isem l-attriċi, ma setgħux għalhekk fihom infushom ikunu ta' xkiel biex l-attriċi tipprova li *Super Otto* kien tabilħaqq proprjetà tagħha u mhux proprjetà ta' Matthew Farrugia.

33. F’dan il-qafas, il-Qorti jidhrilha li l-attriċi appellanti għandha tassew raġun tisħaq li bil-provi li hemm fl-atti, hija tabilħaqq irnexxielha tipprova li ż-żiemel *Super Otto* kien proprjetà tagħha.

34. Ibda biex, l-attriċi ressqet bħala xhud lil Matthew Farrugia stess, li stqarr għal iktar minn darba u b’insistenza, li ż-żiemel *Super Otto* ma kienx tiegħu iżda kien proprjetà tal-attriċi (ara x-xhieda u l-kontroeżami ta’ Matthew Farrugia f’paġni 108 sa 110 u 231 sa 234 tal-atti tal-kawża). Dan ix-xhud stqarr ukoll li għalkemm huwa kien jgħin lill-attriċi biex tieħu ħsieb lil *Super Otto* għaliex hija kien għadha qiegħda titgħallem u kienet tkun impenjata bix-xogħol, madankollu huwa kien iżommha informata b’kollox u kien iċemplilha qabel ma jagħmillu xi ħaġa *«għaliex iż-żiemel kien tagħha»* (erġa’ ara x-xhieda ta’ Matthew Farrugia, f’paġni 109 u 110 tal-proċess). Barra minn hekk, l-istess xhud ikkonferma li l-ispejjeż kollha li kellhom x’jaqsmu maż-żiemel *Super Otto*, kienu nħarġu mill-attriċi u mhux minnu (ara x-xhieda ta’ Matthew Farrugia f’paġna 238 tal-atti tal-kawża).

35. L-attriċi ressqet ukoll bħala xhud lil Carmel Farrugia, li jiġi kemm missier Matthew Farrugia kif ukoll missier is-sieħeb tal-attriċi, li għal darba oħra stqarr li *«minn meta ġie Super Otto sa meta miet, dan kien ta’ Charlette»* (ara x-xhieda ta’ Carmel Farrugia, f’paġna 97 tal-atti tal-kawża). Dan ma waqafx hawn, u filwaqt li ammetta li kien hu li

oriġinarjament ħareġ il-flus għax-xiri ta' dak iż-żiemel, madankollu huwa qal li kien ħareġ dawk il-flus għall-attriċi u kkonferma li *«[e]ventwalment ħallsitni kollox»* (erġa' ara x-xhieda ta' Carmel Farrugia, f'paġna 98 tal-atti tal-kawża).

36. Min-naħa tagħha, l-attriċi Charlette Ciantar ukoll stqarret li Carmel Farrugia kien xtara liż-żiemel *Super Otto* fuq struzzjonijiet tagħha u ħallsu f'isimha. Ikkonfermat ukoll li kienet ħallsitu u dejjem mantniet liż-żiemel hi (ara l-affidavit tal-attriċi f'paġna 22 tal-atti tal-kawża).

37. L-għemil tal-attriċi jaqbel ukoll max-xhieda tagħha u fil-fatt jidher li hija tabilħaqq kellha rabta speċjali maż-żiemel *Super Otto*. Kemm hu hekk, hija mhux biss involviet ruħha b'mod attiv u stinkat sabiex dak iż-żiemel jingħata kemm jista' jkun malajr il-kura fi Franza, iżda wkoll reġgħet qagħdet issiefer minn Malta lejn Franza biex tara liż-żiemel inkwistjoni għall-aħħar qabel ma jitraqqad (ara l-kopja tal-korrispondenza b'ittra elettronika bejn l-attriċi u t-tabib Mathieu Lacourt, f'paġna 75 tal-atti tal-kawża).

38. Jirriżulta wkoll li kienet l-attriċi u ħadd iktar, li fl-aħħar mill-aħħar, tat il-kunsens tagħha sabiex iż-żiemel *Super Otto* jitraqqad minħabba t-tbatija kbira li kien għaddej minnha (ara l-*Euthanasia Consent Form* mimlija u ffirmata mill-attriċi f'paġna 86 tal-atti tal-kawża) u dan fuq

rakkomandazzjoni professjonali li ngħatatilha mit-tabib Mathieu Lacourt (ara r-rapport ta' M. Lacourt f'paġna 84 tal-atti tal-kawża, kif ukoll *email* datata 27 ta' April, 2016, f'paġna 38 tal-atti tal-kawża).

39. Fuq kollox jidher ukoll, li għalkemm f'din il-kawża l-konvenuta qiegħda tisħaq li l-attriċi ma rnexxilhiex turi li hija sid iż-żiemel inkwistjoni, madankollu, waqt li kienet qiegħda tikkorrispondi mal-kliniċi Franċiżi u dan fi żmien li fih *Super Otto* kien sejjer jittella' fi Franza għall-kura, il-konvenuta ġabet ruħha mod ieħor u rriferiet lejn l-attriċi bħala l-*«owner»* ta' *Super Otto.* Anke meta ġie biex jimtela d-dokument: *«Informations (sic!) About a Horse coming to The Cirale for a MRI»* (f'paġna 54 tal-atti tal-kawża), l-attriċi Charlette Ciantar ġiet indikata bħala l-proprjetarja ta' *Super Otto,* u l-konvenuta ssiġġillat il-kontenut ta' dak id-dokument bil-firma u bit-timbru tagħha stess.

40. Kif tifhimha din il-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi kollha, li għadhom kif jissemmew, kellhom ikunu aktar minn biżżejjed sabiex iwasslu lil Ewwel Qorti għall-konklużjoni li l-attriċi Charlette Ciantar kienet qiegħda żżomm lil *Super Otto* bħala proprjetà tagħha.

41. Fis-sewwa, ma jagħmel l-ebda sens li jingħad li ż-żiemel inkwistjoni ma kienx proprjetà tal-attriċi għaliex huwa rreġistrat fuq Matthew Farrugia, u dan meta fl-istess waqt, Matthew Farrugia kkonferma li *Super*

*Otto* ma kienx tiegħu iżda tal-attriċi Charlette Ciantar.

42. Hekk ukoll, din il-Qorti ma tarax kif l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tistenna lill-attriċi tressaq provi oħrajn biex tissostanzja l-fatt li hija ħallset għaż-żiemel inkwistjoni, meta Carmel Farrugia li huwa l-persuna li oriġinarjament ħareġ il-flus, ikkonferma fuq ġurament li l-attriċi kienet ħallsitu ta' kollox. Kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, wieħed mill-modi ewlenin li bih tista' titressaq il-prova tal-pagament hija bil-mezz tal-konfessjoni tal-kreditur (ara f'dan is-sens ***Gaetana Mamo v. Therese Mercieca et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-26 ta' Ottubru 2005), u la Carmel Farrugia stess qal li tħallas u ma kienx hemm provi oħrajn li jmeru dik id-dikjarazzjoni, mela allura ma jistax jingħad li l-attriċi ma rnexxilhiex, imqar sal-grad ta' bilanċ ta' probabbiltajiet, tipprova li hija kienet tassew wettqet dak il-ħlas.

43. Il-Qorti taqbel ukoll mal-attriċi, li fl-aħħar mill-aħħar, kellu wkoll jingħata piż lill-fatt li kienet l-attriċi li ħadet l-aktar deċiżjonijiet importanti dwar iż-żiemel, inkluż li ssiefru barra għall-kura, u li eventwalment traqqdu fuq pariri mediċi.

44. Daqshekk ieħor li l-Qorti taqbel mal-attriċi li kellu wkoll jingħata aktar piż lill-fatt, li fi żmien rilevanti, il-konvenuta stess kienet għarrfet lill-attriċi bħala sidt iż-żiemel, tant li rriferiet għaliha bħala tali. Wara kollox l-

ammissibbiltà ta' din l-ammissjoni bħala prova toħroġ mil-liġi stess, u sewwasew mill-**Artikolu 693 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fejn jipprovdi li: *«<u>[k]ull ammissjoni ta' fatt</u>, sew bil-miktub kemm bil-fomm, <u>magħmula</u> fil-qorti <u>kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.</u>»*

45. F'qafas bħal dan, din il-Qorti ma tistax għalhekk ma taqbilx mal-appellanti li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tikkonkludi li hija ma seħħilhiex tipprova li hija kienet il-proprjetarja ta' *Super Otto*.

46. Naturalment ġaladarba l-attriċi rnexxielha tipprova li hija kienet il-proprjetarja ta' *Super Otto,* id-dibattitu dwar jekk l-attriċi tgawdix mill-interess ġuridiku biex tressaq din il-kawża għandu jieqaf hawnhekk. Dan billi f'ċirkostanzi bħal dawn, għandu jkun mill-aktar ovvju li l-attriċi għandha kull dritt fil-liġi sabiex tfittex lil min hija qiegħda, tajjeb jew ħażin, tqisu li kien il-kaġun tal-mewt taż-żiemel tagħha. Huwa wkoll fl-interess personali tagħha u ta' siwi għaliha, li kemm jista' jkun, tissewwa l-ħsara kollha li hija qiegħda tallega li ġarrbet minħabba l-mewt ta' dak l-istess żiemel.

47. Bla ħsara għal dan u sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti jidhrilha li anke però li kieku stess l-attriċi ma kienx sejra jirnexxielha turi li hija kienet is-sid taż-żiemel *Super Otto,* f'dan il-każ hija xorta waħda kellha interess

ġuridiku biżżejjed biex tressaq din il-kawża kontra l-konvenuta appellata, u dan għaliex hija xorta waħda rnexxielha tipprova l-intitolament tagħha għall-flejjes li dak iż-żiemel seta' jirbaħ mill-premji tat-tiġrijiet taż-żwiemel.

48. Tassew mill-provi jirriżulta li l-attriċi kienet reġistrata mal-*Malta Racing Club* bħala *«dirigent owner»* ta' *Super Otto* (ara Dok JZ1 f'paġna 120 tal-atti tal-kawża, u Dok MC4 f'paġna 215 tal-atti tal-kawża). Mark Consiglio, li jaħdem bħala *administration racing manager* mal-*Malta Racing Club,* fisser li l-flus li jirbaħ iż-żiemel mit-tiġrijiet li jiġu organizzati minn dak il-klabb *«joħorġu fuq id-Dirigent Owner»* (ara x-xhieda ta' Mark Consiglio f'paġna 203 tal-atti tal-kawża).

49. Ġaladarba l-attriċi kienet reġistrata mal-*Malta Racing Club* bħala *«dirigent owner»* ta' *Super Otto,* u fl-istess waqt jirriżulta li ż-żiemel inkwistjoni nxtara biex jieħu sehem fit-tlielaq tal-kategorija *Premier* (ara l-affidavit tal-attriċi f'paġna 23 tal-atti tal-kawża, kif ukoll ix-xhieda ta' Matthew Farrugia f'paġna 108 tal-atti tal-kawża), l-attriċi bħala *«dirigent owner»* ta' *Super Otto,* setgħet għalhekk ukoll potenzjalment tilfet il-flus mill-premji tar-rebħ tat-tiġrijiet. Fuq hekk biss, l-attriċi kellha interess biżżejjed biex tressaq din il-kawża kontra l-konvenuta, u dan dejjem għaliex hija tal-fehma li *Super Otto* miet bi ħtija tal-istess konvenuta.

50. L-appell ta' Charlette Ciantar huwa għalhekk mistħoqq, u l-Qorti

sejra tkun qiegħda tgħaddi biex tilqa' l-appell, billi tħassar is-sentenza appellata u tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Dr. Katiucha Gatt Galea.

51. Naturalment, jekk *Super Otto* mietx bi ħtija tal-konvenuta hija kwistjoni oħra li għad trid tiġi meqjusa, daqskemm għad irid jiġi meqjus jekk l-attriċi ġarrbitx xi telf, inkluż telf ta' qligħ, bil-mewt ta' dak l-istess żiemel.

52. Din il-Qorti bħala waħda ta' reviżjoni ma tarax però li tista' tidħol f'dawn il-kwistjonijiet, u dan għaliex kif rajna, id-deċiżjoni li ngħatat fis-sentenza appellata kienet biss dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, u għalhekk sabiex il-partijiet ma jiġux imtellfa mill-benefiċċju tal-eżami doppju, jixraq li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħalli taqta' l-kawża skont il-liġi, u dan dejjem fid-dawl tat-talbiet tal-attriċi u tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-attriċi Charlette Ciantar, u għalhekk qiegħda tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Dr. Katiucha Gatt Galea, u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex taqta' l-kawża skont

il-liġi fid-dawl tat-talbiet tal-attriċi u tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti qegħdin jiġu riżervati għal meta tingħata d-deċiżjoni finali, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-konvenuta Dr. Katiucha Gatt Galea bħala l-parti telliefa.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da